

Talbiet tar-rikorrenzi

- Jordna lill-konvenuta tipproduċi l-minuti kollha tal-laqqgħat tal-kapijiet tal-unità tal-EPPO u l-proċessi verbali kollha tal-laqqgħat tal-Bord tal-Għażla rigward il-kompetizzjoni EPPO/AD/204/10;
- jannulla d-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni EPPO/AD/204/10 tat-13 ta' April 2011;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Frar 2012 — ZZ vs Il-Parlament**(Kawża F-24/12)**

(2012/C 138/83)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrenzi: ZZ (rappreżentanti: S. Rodrigues, A. Tymen u A. Blot, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Suġġett

Talba għal annullament tad-deċiżjoni adottata mill-President tal-Parlament Ewropew li tittrasferixxi lir-rikorrenzi fi ħdan l-istess direttorat ġenerali tal-Parlament mill-post ta' kap ta' unità għall-post ta' konsulent tad-direttur ta' direttorat u talba għad-danni għal abbuż morali.

Talbiet tar-rikorrenzi

- Tannulla d-deċiżjoni tal-President tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2012 li temmet, b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 2012, il-funzjonijiet tar-rikorrenzi bħala kap ta' unità għall-Ugwaljanza u d-Diversità fid-DĠ tal-Persunal u li ttrasferietha, f'din l-istess data, lejn id-Direttorat D ta' dan l-istess DĠ bħala konsulent, filwaqt li fl-istess ħin neħħietha l-benefiċċju tal-kumpens tal-kapijiet ta' unità;
- tagħti lir-rikorrenzi, bħala kumpens għad-dannu subit, id-danni f'ammont stmat *ex aequo et bono* għal EUR 50 000;
- tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fil-21 ta' Frar 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-25/12)**

(2012/C 138/84)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrenz: ZZ (rappreżentant: P. Pradal, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta l-għoti tal-allowances ta' kuljum lir-rikorrenzi.

Talbiet tar-rikorrenzi

- jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tal-Kummissjoni Ewropea tal-21 ta' Novembru 2011 b'risposta għall-ilment tar-rikorrenz kontra d-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali (PMO) li rrifjutat lir-rikorrenz l-għoti tal-allowance ta' kuljum wara d-dħul tagħha fis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea fl-1 ta' Frar 2011;
- jannulla l-għoti ta' allowances ta' kuljum lir-rikorrenz, kif previst fl-Artikolu 71 tar-Regolamenti tal-Persunal, fl-Artikolu 10(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, u fl-Artikoli 25 u 92 tal-Kondizzjonijiet tal-impjeg;

Rikors ippreżentat fil-5 ta' Marzu 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-30/12)**

(2012/C 138/85)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrenz: ZZ (rappreżentant: C. Mourato, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni ġenerali EPPO/AD/204/10 li r-rikorrenz ma jiġix ammess għall-istadju segwenti tal-kompetizzjoni

Talbiet tar-rikorrenzi

- Jannulla d-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni ġenerali EPPO/AD/204/10 tat-13 ta' April 2011 li tikkonċerna lir-rikorrenzi;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Marzu 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-32/12)**

(2012/C 138/86)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan***Partijiet**

Rikorrenz: ZZ (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea